MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2014

Numru. 706/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**JULIAN FRIGGIERI**

**EMANUEL FRIGGIERI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Julian Friggieri**, ta’ 34 sena, bin Salvu u Mary nee Sciberras, imwieled Pieta fit-22 ta Settembru 1979, u li noqgħod f’ Bini tal-Gvern, Block B, Flat 9, Triq Alexander,

Hamrun, ID Card No: 468779M u **Emanuel Friggieri**, ta' 45 sena, bin Salvu u Mary nee Sciberras, imwieled Pieta fid-19 ta' Marzu 1969, u li noqgħod f' 3, Flat 4, Pjazza Manuel Tonna, Floriana, ID Card No: 185869M gew akkuzati talli :

F'dawn il-għejjer bejn Jannar 2014 u Lulju 2014, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' diversi persuni u kumpaniji, fosthom Crosscraft, Tip Top, Cutajar, Ventura, Homemate u Doneo u/jew ta' John Baptist Borg;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċioe` ċekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjenu lil John Baptist Borg, billi ħloqtu pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħaltu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamiltu użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. f'Malta xjentement laqghu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u ċioe chequebook ta John Baptist Borg.

Kif ukoll, lil **Emanuel Friggieri waħdu** nakkużah talli, flimkien ma persuni oħra, bejn Jannar 2014 u Lulju 2014, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

4. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' diversi persuni u kumpaniji fosthom The Tool Box tal-Gzira, AAK Grech Limited tal-Marsa, R.Grech Ironmongery ta Birkirkara, u HandyMan Centre ta Birkirkara, u/jew ta John Baptist Borg;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċioe` ċekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjenu lil John Baptist Borg, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

Kif ukoll lil **Julian Friggieri waħdu** nakkużah talli  talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD, mogħtija fid-9 ta Mejju 2014, sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati anki wara li inghataw iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputati (li ammettew ukoll fl-istqarrijiet li taw lill-pulizija) qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset li l-imputati, kif urew waqt is-seduta ta` llum stess, iridu li jreggghu lura dak illegalment mehud minghand il-vittmi tal-azzjoni taghhom. Ghal din il-Qorti, il-fatt tar-restituzzjoni huwa fattur ferm importanti ghaliex wara kollox il-vittmi f'dan il-kaz, bhal ohrajn f'cirkostanzi simili, ikunu jridu li jirkupraw flushom. Qieset illi l-ligi penali ta` pajjizna tipprovdi piena u mekkanizmu specjali fejn l-isforz ikun wiehed li l-vittmi effettivament jirkupraw flushom. U fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sanzjoni l-aktar li hi indikata ghac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, hija dik ikkontemplata taht l-Artikoli 28A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

GHAL-MOTTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a), 334, 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lill-imputati Julian Friggieri u Emanuel Friggieri hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u**

**tikkundanna lil JULIAN FRIGGIERI komplessivament ghal sentejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' erba (4) snin millum, u tikkundanna lil EMANUEL FRIGGIERI komplessivament ghal sentejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' erba (4) snin millum**.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati **Julian Friggieri jirrestitwixxi** lill-persuni u/jew entitajiet kummercjali rispettivi, fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva, l-ammonti indikati skond l-iskeda segwenti :

Homemate € 619;

Crosscraft € 1162;

Tip Top € 510;

Ultimate - Cutajar Ltd €499;

Doneo € 604;

Ventura € 500.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati **Emanuel Friggieri jirrestitwixxi** lill-persuni u/jew entitajiet kummercjali rispettivi, fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva, l-ammonti indikati skond l-iskeda segwenti :

Homemate € 619;

Crosscraft € 1163;

Tip Top € 510;

Ultimate - Cutajar Ltd €499;

Doneo € 604;

Ventura € 500.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati **Emanuel Friggieri jirrestitwixxi** lill-persuni u/jew entitajiet kummercjali rispettivi, fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva, l-ammonti indikati skond l-iskeda segwenti :

R. Grech Ironmongery € 245;

AAK Grech Ltd €300;

Tool Box €140;

Handyman Centre € 276.

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------